MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Numru 992/2006

**Il-Pulizija**
**(L-Ispettur Geoffrey Azzopardi)**

**Vs**

**Brian Muscat**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Brian Muscat ta’ 40 sena, iben Daniel u Carmen nee Moore, imwieled tal-Pieta’ fit-30 ta’ Jannar 1966 u joqħgod 14 Block 11 Triq John Pace Bormla ID Card Number 58266 (M)

Akkużat talli fis-16 ta’ Settembru, 2006 għall-ħabta tas-6.45 pm f’Ħal-Balzan

1. Ikkommetta serq minn residenza privata ta’ decoder u oġġetti oħra liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-lok u sar għad-dannu ta’ Vincent Fenech minn Ħal-Balzan u /jew persuni oħra.

2. Bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe’ dak ta’ serq kwalifikat minn residenza privata wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, lok u l-valur għad-dannu ta’ Vincent Fenech minn Ħal-Balzan u / jew persuni oħra;

3. Għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ fil-bieb ta’ barra ta’ residenza privata, liema ħsara tiskorri l-għaxar liri (Lm10) iżda hija inqas minn ħamsin lira (Lm50) saret għad-dannu ta’ Vincent Fenech minn Ħal-Balzan u / jew persuni oħra.

4. Fl-aħħarnett akkużat bi ksur tal-probation a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn kien misjub ħati b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati 4 ta’ Diċembru 2003 u illiberat bil-kundiżżjonijiet ikkontemplati fl-istess Artikolu kif ukoll talli sar reċidiv b’sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datati 8 ta’ mejju 1997 u 3 ta’ Lulju 1998 liema sentenzi kienu saru definittivi.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluża s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta (fol 84) u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (fol 101) li kienet annullat is-sentenza li tidher a fol 84 (ara fol 103) bir-raġuni mogħtija mit-tielet vers ‘il quddiem.

Rat li ċ-ċitazzjoni kienet ikkonfermata mill-ġdid bil-ġurament u rat li reġa’ sar l-eżami tal-imputat (fol 108).

Rat li fis-seduta tal-24 ta’ Frar 2010 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih. Il-Qorti wissiet lill-imputat li l-imputazzjonijiet iġorru magħhom piena ta’

priġunerija. Madanakollu, wara li ngħata żmien xieraq biex jaħsibha, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Għaldaqstant, ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih, dawn ġew ippruvati skond il-Liġi b'dan pero', li l-Qorti wara li fliet sew iż-żewġ sentenzi li għalihom hemm referenza fl-addebitu tar-reċidiva u li huma ppreżentati a fol 40 et seq, qed tillibera lill-imptutat mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 50. Dan qed isir għaliex kienu għaddew aktar minn ħames snin mit-tmiem tal-pieni imposti u ebda piena minnhom ma tintlaqat bil-perjodu ta' għaxar snin..

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 17(b) 261(b)(e)(ċ), 263, 269(g)u 278(2) tal-Kap 9, l-artikoli 41(1) tal-Kap 9 263, 269(g), 270, tal-Kap 9, l-artikolu 325(1)(ċ) tal-Kap 9, l-artikolu 23 tal-Kap 446, ( fejn kien instab ħati skond l-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 267, 269(g), 270 u 278(3) tal-Kap 9) l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li t-tielet imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 50 għar-raġuni mogħtija fil-paragrafu preċedenti. Rigward il-piena, il-Qorti qieset li meta l-proċess kien rin vijat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet bla ma reġgħu ttellgħu xhieda. Għalhekk qegħda tikkundanna lill-imputat,[1] għal piena ta' priġunerija ta' 20 xahar.**

**Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna wkoll lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-espert li kien imqabbad fil-mori tal-kawża (fol 57)mill-ewwel Qorti diversament preseduta liema spejjeż kienu jammontaw għal Lm117.70 (€275.42) fi żmien erba' xhur mil-lum. Jekk dawn ma jitħallsux fiż-żmien**

[1] Wara li fil-każ tal-imputazzjoni dwar ksur ta' kondizzjonijiet tas-sentenza datata 4 ta' Diċembru 2003 applikat l-artikolu 17(b)

**mogħti lill-imputat, dawn jinbidlu fi priġunerija b'rata ta' jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.**

**Il-Qorti qed tirrakomanda sabiex l-imputat jintbghat isegwi programm mill-iktar fis possibbli**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------